MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 189/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Joseph Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Xuereb detentur tal-karta tal-identita` numru 310774(M).

Akkuzat talli:

1. Fit-2 ta' Dicembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, f'dan il-Gzejjer, ikkorrompa ufficjal jew impjegat pubbliku fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex l-istess ufficjal jew impjegat pubbliku jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod diret jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxi jew ikkonferma li kienet kapaci taghmel xi influweza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tezercita dik l-influwenza;

4. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;
5. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament; u

6. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2008 u x-xhur ta' wara xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija, barra milli tinfliggi l-piena skont il-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal- Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.;

Rat il-fedina tal-imputat li hija kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar elfejn u hdax (2011) sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja u fejn ra li ghandha tinstab htija taht l-Artikoli:

(1) Fl-Artikoli 115, 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 42 u 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 121A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikoli 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-Artikoli 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ta' l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tittratta u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'serje ta' proceduri li gew istitwiti mill-Pulizija stante li kien hemm allegazzjonijiet illi xi licenzji tas-sewqan gew misjuba b'xi illegalitajiet fihom.

Illi t-tezi tal-prosekuzzjoni hija fis-sens illi gialadarba l-imputat ottjena il-licenzja tas-sewqan tieghu billi hallas persuna li avvicinatu u li kienet qaltlu li kienet ser tghinu sabiex jottjeni din il-licenzja u stante li l-imputat ma ghamilx l-ezami mehtieg; xi haga li hi necessarja ghall-hrug ta' tali licenzja; dan kollu allura jiggustifika l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Ta' min jghid illi l-fatti ma humiex kontestati mid-difiza li xi ufficjal minn Transport Malta avvicinatu meta huwa kien fil-“queue” sabiex jaghmel affidavit illi huwa kien tilef il-licenzja tieghu u sabiex japplika ghal licenzja tal-mutur.

Illi l-imputat minn dejjem qal sija fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, illi huwa kien avvicinat minn din il-persuna fejn qaltlu illi huwa seta' jghinu f'li jkollu bzonn xi licenzja. Huwa fil-fatt kien qallu li jrid jahsibha u wara li kien lesta mill-affidavit tieghu huwa kien fil-fatt tah EUR200 u dan l-ufficjal imbaghad kien qallu illi kien ser jircievi ghat-test. Gara li xi jiem wara l-imputat ircieva il-licenzja izda huwa jghid illi ma kienx induna li kellu wkoll il-kategorija tal-mutur. Fil-fatt huwa kien induna meta cempel ADT sabiex jistharreg meta

kienu ser jibghatulu ghat-test tal-mutur u tal-ADT qaltlu li huwa fil-fatt kellu din il-licenzja. Huwa jghid illi fil-fatt ghalaq halqu u qata’ l-linja.

Ikkunsidrat illi l-imputat huwa akkuzat taht l-Artikoli 42, 121A(1) tal-Kap 9 li tittratti dwar weghdi ta’ flus jew vantaggi lill-terzi persuni ohra sabiex l-imputat jakkwista xi vantaggi li m’humiex xierqa; taht l-Artikolu 184 li jittratta dwar li xjentement ghamel uzu ta’ dokument li kien jaf li kien falz, taht l-Artikolu 186 li jittratta dwar li xjentement ghamel uzu minn dokument imsemmi fl-Artikolu 185 tal-Kap 9, taht l-Artikolu 188 li ghamel dikjarazzjoni falza u li ghamel gurament falz.

Illi minghajr mal-Qorti toqghod tidhol fix-xhieda l-ohra, johrog car illi l-imputat qatt ma mar l-ADT sabiex jaghmel xi haga qarrieqa u dan ghaliex tiehu bhala veritjier il-fatt illi huwa mar hemm verament sabiex jaghmel affidavit li huwa kien tilef il-licenzja ftit xhur qabel. Anke’ li kieku dan ma kienx veru, xorta jibqa’ l-fatt illi l-procedura tal-affidavits dak iz-zmien l-ADT kienet monka minn wahda mill-aspetti l-aktar importanti, u cioe’ dak tal-gurament.

Illi dak li ghamel hazin l-imputat huwa li ceda ghall-pressjoni ta’ dik il-persuna li kien jahdem l-ADT u li ghamieh b’xi haga li seta’ jaghmilielu facli izda dan zgur mhux b’mod legali. Issa mhux car ezattament kemm l-imputat kien jaf

x'kienet jew ma kienitx ser taghmel din il-persuna, izda jibqa' l-fatt illi gialadarba huwa ta' dawk il-flus lil dik il-persuna b'mod personali u mhux b'mod ufficcjali, dan il-fatt jikser il-legalita' tal-procedura kollha.

Illi pero' il-fatt illi l-imputat, wara xi ftit zmien li ircieva l-licenzja, cempel l-ADT sabiex jistharreg fuq it-test tal-mutur, jimmitiga favur l-imputat li verament ma kienx jaf li kienet inhargitlu din il-licenzja, izda mbaghad il-fatt illi wara ma qal xejn u zamm din il-licenzja meta huwa kien ben konxju illi ma kienx ghamel it-test, din kienet xi haga hazina u llegali.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 115, 120, 42, 85, 121A, 188, 108 u 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, thoss li l-imputat **Joseph Xuereb** ghandu jigi liberat mill-ewwel (1), raba' (4), hames (5) u ssibu hati biss tal-akkuzi tnejn (2), tlieta (3) u sitta (6) kif dedotti kontrih hekk kif inghad hawn fuq u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet lill-imputat jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------